# Il-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija

## Kitba ta' Carmen Lia B.Ed. (Hons), B.A.

Fis-seklu dsatax u mad-dħul tas-seklu għoxrin kienu trawmu diversi każini fl-Imqabba iżda kollha kellhom ħajja qasira.

Il-bidu tas-Soċjetà Re Ġorġ V jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien *Giorgio V* tmur lura żgur għas-sena 1896 meta nafu li kien jeżisti Każin Soċjali bl-isem ta' *Vittoria*. Il-President Onorarju tiegħu kien l-Imqabbi Dun Alfons Caruana.

Fl-1897 twaqqaf il-Każin *San Ġużepp* li kien jinsab fil-Pjazza tal-Knisja, f'lokal li n-numru tiegħu mhux magħruf u bl-ewwel President tiegħu s-sur Pawlu Caruana, ta' l-*Ave Maria*. Għall-ħabta tal-1905 insibu l-każin soċjali *Santa Maria*. Dan il-każin kien fil-lokal numru 2, Triq il-Karmelu, u hemm kienu bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tal-Każin Soċjali Santa Marija. Dawn ħatru bħala President lill-istess Pawlu Caruana u bħala President Onorarju lill-Avukat Philip Pullicino mill-Imdina.



*Il-post fin-numru 2 Triq il-Karmelu, fejn bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tal-Każin Soċjali Santa Marija.*

Il-każin *Santa Marija* kien l-uniku każin fir-raħal u kien jieħu ħsieb iż-żewġ festi tar-raħal ta' l-Imqabba. Dawn iż-żewġ festi li kienu jsiru bl-akbar pompa u kif jixraq, kellhom mhux id-devoti biss imma anki l-partitarji tagħhom. Sal-1910 qatt ma nsibu li kienu jeżistu żewġ każini fir-raħal. Jidher, iżda, li fis-sena 1910 jew forsi ukoll qabel din id-data, seta' nqala' xi nkwiet bejn is-soċi tal-Każin *Santa Marija*, aktarx fuq in-nar u t-tiżjin li kien qiegħed isir. Fis-sena 1910 saret seduta ġenerali fil-każin *Santa Maria* fejn kien ġie deċiż li sabiex jibqa' mfakkar il-bidu tar-renju tar-Re Ġorġ V, l-isem kellu jinbidel minn Każin Soċjali *Santa Maria* għal dak ta' *Giorgio V*.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, jiġifieri fl-1901, ir-Re Dwardu VII wara li kien wiret it-tron Ingliż mingħand ommu r-Reġina Vittorja, miet fis-sena 1910 u fis-6 ta' Mejju 1910 issuċċedieh ibnu Ġorġ li mbagħad kien inkurunat bħala Re f'Westminster Abbey fit-22 ta' Ġunju ta' l-1911. Biex jibqa' mfakkar dan l-avveniment storiku ta' l-Inkuronazzjoni tar-Re Ġorġ V f'Malta kienu saru festi kbar u kien waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li lil dan il-persunaġġ irjali "l-ewwel soċi tagħna xtaqu li jibqa' mfakkar billi ddedikawlu isem is-Soċjetà".

Fl-1910 bħala l-ewwel President taċ-Ċirkolu *Giorgio V* laħaq l-Imqabbi Feliċ Zammit *tar-Reġina*. Dak iż-żmien il-presidenti tal-każini kienu jkunu nies ta' kultura u magħżula minn fost l-aqwa nies tar-raħal. Feliċ Zammit kien jiġi iben il-benestant Nikola *in-Naxxari* u Theresa nee' Sapiano li kienet bint l-arluġġar Mikelanġ Sapiano.

Il-parti l-kbira ta' l-imsemmija tal-Każin kienu nies tax-xogħol. Fl-ewwel Kumitat tal-Każin maħtur fl-1910 insibu tmien membri; Ġanni Busuttil (ta' Soldi), Joseph Zammit (ta' Ġanbona magħruf ukoll ta' Kekina), Salvu Caruana (tas-Surġent), Michael Mifsud (ta' Ganinu), Spiru Schembri (ta' Barbra), Salvu Balzan (ta' Damjana), Ġanni Zammit (ta' Brajnek) u Kalċi Camilleri (ta' Kalċ).

L-ewwel referenza dokumentata fejn jissemma ċ-Ċirkolu *Giorgio V* dehret fil-ġurnal *Malta Tagħna* tas-Sibt 24 ta' Awissu 1912 f'paġna 5 fejn ingħad li l-festa ta' Santa Marija li kienet għadha kemm għaddiet kienet splendidissima u li kienet saret mill-Kumitat u mis-soċi taċ-Ċirkolu *Giorgio V* ta' dan ir-raħal kif ukoll minn xi ħbieb tagħhom permezz ta' l-impenn kbir taż-żagħżugħ Giovanni Zammit, Kaxxier ta' l-imsemmi Ċirkolu u li f'idejh kienet afdata dina l-festa.



*IL-każin preżenti li nxtara nhar it-22 ta' Jannar 1934. B'hekk is-Soċjetà żgurat il-futur tagħha.*